**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 170/2017 CFF**

**Mario Falzon personalment u bhala gestur tad-ditta Proman Interiors**

**Vs**

**Clinton u Janika konjugi Mifsud**

**Illum 16 t'Ottubru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lill-attur pro et noe s-somma ta' (€14,193.37) dovuta minnhom, fuq l-appalt esegwit fil-fond 24, Triq Emmanuele Attard, Santa Venera, skond l-istruzzjonijiet taghhom.

Bl-ispejjez komprizi dak tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1177/17 u b'imghaxijiet legali mid-19 ta' Marzu, 2017 kontrihom.

Huma ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tal-intimati Janika Mifsud u Clinton Mario Mifsud** fejn esponew bir-rispett:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici u tal-attur huma inammissibbli u nfondati fl-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess:

1. Illi fl-ewwel lok, l-ammont mitlub mhux dovut;

2. Fit-tieni lok, l-ammont indikat mill-atturi ma jindikax liema parti minnu hija ghall-appalt u s-servizz, liema parti tirrapprezenta taxxa addizzjonali fuq il-valur, u liema parti tirrapprezenta materjal;

3. Fit-tielet lok, ix-xoghol mhux lest kif pattwit u dan billi hemm xoghol li baqa' qatt ma sar, certu xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, filwaqt li certu xoghol iehor li twahhal, mhux tal-kwalita' tajba u pattwita;

4. Fir-raba' lok, huma hallsu lill-attur somma akbar milli fil-fatt kellu jithallas u in oltre, ghalkemm l-attur intalab jirrimedja tali xogholijiet iktar minn darba anke verbalment huwa baqa' inadempjenti, u dan minkejja lamenti frekwenti tul ix-xogholijiet fir-rigward tal-kwalita' tax-xoghol u t-tardivita' tal-istess;

5. Fil-hames lok, mhux talli l-attur ma ghandux dritt ghall-ammont mitlub talli huma huma stess li jirrizervaw id-dritt taghhom li jfittxu lill-attur fuq livell personali u kemm ghall-flus li thallsu indebitament lilu kif ukoll ghal kwalunkwe danni li huma qed isofru;

6. Fis-sitt lok, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u l-attur, jew min minnhm, illi huma minni ssa ngunti t-tnejn in subizzjoni.

Rat **il-kontro-talba tal-konvenuti Janika Mifsud, u Clinton Mario Mifsud** fil-konfront tal-attur Falzon Mario f'ismu personali u bhala gestitur tad-ditta Proman Interiors;

Illi l-esponenti qieghdin jipprevalixu ruhhom mill-avviz ipprezentat mill-atturi rikonvenzjonati sabiex jipprezentaw il-kontro-talba taghhom;

Rikors ta' Janika Mifsud u Clinton Mario Mifsud jesponu bir-rispett:

1. Illi l-konenuti rikonvenzjonanti, qabbdu verbalment lill-Mario Falzon f'ismu proprju u bhala gestitur tal-kumpanija Proman Interiors, bhala Turnkey Contractor, sabiex jiehu hsieb il-finishings kollha tal-fond appartenenti lilhom sitwat fi 24, Phoenix, fi Triq Emmanuel Attard gewwa Santa Venera;

2. Illi l-valur total ital-appalt fit-total tieghu kien il'fuq minn tmenin elf ewro (€80,000);

3. Illi x-xoghol li sar wara li l-konvenut gie mqabbad fih diversi difetti u m'huwiex skont l-arti, is-sengha u l-professjoni rikjesta u barra minn hekk certu xoghol lanqas ma huwa skond il-kwalita' pattwita;

4. Illi waqt l-appalt u lejn l-ahhar, sar ftehim bil-miktub liema ftehim kien finali u konklussiv fis-somma rimanenti ta' €13,933.85c;

5. Illi l-attur rikonvenzjonat kien jaf li l-konvenuti rikonvenzjonanti kienu marbutin bi zmien, u li ma setax ikun hemm dewmien fix-xogholijiet, minkejja dan ix-xoghol baqa' qatt ma tlesta fi zmien pattwit bejn il-partijiet;

6. Illi konsegwenza tad-dewmien u tax-xoghol mhux skond il-kwalita' pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti, il-konvenuti rikonvenzjonanti soffrew u ghadhom isoffru danni konsiderevoli fil-proprjeta' taghhom;

7. Illi l-attur rikonenzjonat gie diversi drabi msejjah mill-esponenti sabiex jaghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega, u kif ukoll sabiex jispicca x-xogholijiet kollha bla dewmien u fi zmien ragonevoli u pattwit bejn il-partijiet u dan sew sabiex jispicca l-appalt li nghatalu, kif ukoll sabiex jigu ghal kollox eliminati d-danni sofferti mil-atturi u kull dannu futur;

8. Illi konsegwenza ta' dan id-dewmien, l-esponenti kellhom jigu mhallsa penali ta' hamsin ewro (€50) kuljum, izda dan l-ammont qatt ma thallasx min-naha tal-attur rikonvenzjonat;

9. Illi in oltre u konsegwenza ta' l-inadempjenza tieghu sabiex jikkonkludi l-appalt kif miftiehem, l-esponenti kellhom iqabbdu appaltaturi terzi sabiex jaghmlu x-xogholijiet li baqghu qatt ma tlestew u in oltre, sabiex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali necessarji, in kawtela ta' danni futuri u ghalhekk l-esponenti kellhom jizborzjaw hlasijiet ta' appalt iehor fit-total ta' sebat elef u tmenin ewro (€7,080);

Jghidu ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonanti il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, in vista tas-suespost, u ta' dak li ha jigi trattat tul il-mori tal-proceduri;

1. Tiddikjara li x-xoghol ma sarx skont l-arti, is-sengha u l-professjoni rikjesta;

2. Tiddikjara li l-madum migjub mill-attur rikonvenzjonat mhux skont il-kwalita' pattwita;

3. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat f'ismu proprju u ghan-nom ta' ditta Proman Interiors responsabbli ghad-danni kollha sofferti kagun tan-nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-attur, liema danni ma jeccedux il-kompetenza tal-valur ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' Mario Falzon** pro et noe fejn espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenjenti kif proposta permezz ta' Rikors hija rrita u nulla;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti ghad-dikjarazzjoni li l-appalt ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dana ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-kontendenti kienu fid-19 ta' Dicembru 2016 iffirmaw skrittura in forza ta' liema huma ftiehmu illi l-esponent rikonvenut kellu jispicca x-xogholijiet fil-fond 24 Triq Emmanuel Attard, Santa Venera, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2017, u l-konvenuti rikonvenjenti kellhom jissaldaw il-bilanc ta' €13,998.02c permezz ta' hames pagamenti mensili ta' €2,169 il-wiehed (Ara Dok "A" hawn unit).

(ii) Illi l-attur rikonvenut spicca l-appalt entro t-terminu miftiehem.

(iii) Illi l-konvenuti pero' kkommissjonaw lill-attur b'aktar xogholijiet fil-fond "de quo" (ara lista ta' xogholijiet addizzjonali Dok. "B" hawn unit) b'konsegwenza illi l-attur rikonvenut kellu jimpjiega aktar zmien biex jespleta dan ix-xoghol extra.

(iv) Illi meta l-attur rikonvenut kien wasal biex jikkonkludi x-xogholijiet addizzjonali, il-konvenuti rikonvenjenti waqqfu l-hlas tac-cekkijiet li huma kienu gia obbligaw ruhhom fuq l-iskrittura tad-19 ta' Dicembru, 2016, u waqqfu lill-esponent milli jikkonkludi x-xogholijiet extra li kien ghad baqa'.

Bl-ispejjez.

Illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-atturi rikonvenzjonanti.

Ikkunsidrat:

Illi din l-eccezzjoni hija dwar in-nullita' tal-kontro-talba.

L-attur rikonvenzjonant jghid li l-nullita' ta' l-atti gudizzjarji huma msemmija fl-Artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu a bazi ta' l-Artikolu 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid is-segwenti,

*L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

Il-forma ta' kif ghandha ssir kontro-talba hija stabbilita' permezz ta' l-Artikolu 398(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti,

*(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.*

L-attur rikonvenut jghid li l-kontro-talba kellha necessarjament skond dan l-artikolu tiehu l-forma ta' procediment f'forma ta' avviz, u li certament ma setghetx issir f'forma ta' rikors ghax il-procedura b'rikors hija kompletament inidoneja ghal dan il-kaz partikolari.

Il-Qorti tikkwota l-Artikolu 171(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,

*171.(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha, inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.*

Dan l-artikolu jaghmilha cara li l-proceduri l-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha inferjuri titmexxa b'rikors[1]. Meta tinfetah kawza din ghandha jkollha l-ghamla preskritta ta' avviz semplici, kif inhi l-formula provduta mir-Registratur li permezz taghha jigu intavolati dawn it-tip ta' kawzi.

Madanakollu l-konvenut rikonvenzjonant ai termini ta' l-Artikolu 398(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinterponi l-kontro-talba tieghu, *"fir-risposta tieghu bil-miktub".*

Ghalhekk f'dawn il-proceduri il-kontro-talba wkoll ghandha tigi pprezentata flimkien mar-risposta, pero' peress li din ghandha tigi prezentata bhala parti mir-risposta, m'huwiex possibbli li jkollha forma ta' avviz kif qed jippretendi l-attur rikonvenzjonant, u ghalhekk l-Artikolu 398 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, juza' dawn il-kliem *"kemm jista' jkun".* Dan ghaliex huwa bizzejjed li l-kontro-talba f'dawn il-proceduri tigi ipprezentata flimkien mar-risposta permezz' ta' rikors li mhux necessarjament irid jiehu l-forma ta' avviz. Wara kollox ai termini ta' l-Artikolu 171 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-avviz huwa minnu nnifsu rikors.

Ghalhekk il-Qorti ma' tistax tara b'liema mod il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nulla.

**Decide:**

[1] Sottolinear tal-Qorti

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tar-risposta ta' l-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**